**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 26 ta' April, 2016**

**Citazzjoni Nru: 1115/2006 AF**

**KAMG Limited (C-34646)**

**vs**

**Priscilla Cutajar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetà attrici tal-15 ta' Dicembru 2006, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti kienet timpjega lill-intimata bhala salesgirl fi tlett hwienet taghha bejn Frar u Settembru 2005.

Fil-bidu ta' Settembru 2005, l-esponenti proprio indunat b'diskrepanzi bejn l-istock, dhul u refunds mill-imsemija tlett hwienet u wara ezercizzju dettaljat mal-accountant taghha, rrizultalha li l-intimata kienet serqet jew approprjat ruhha indebitament zgur mhux inqas mis-somma ta' sitt elef u erba' u tletin Liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm6034.10). Dan l-ammont jirrizulta mid-Dokument MG1 fejn mit-total ta' sitt elef tmien mija disgha u hamsin Liri Maltin u disghin centemzu (Lm6859.90) tigi mnaqqsa s-somma ta' tmien mija hamsa u

ghoxrin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm825.80) rapprezentanti valur totali ta' Credit Notes.

Meta fis-6 ta' Settembru 2005, l-esponenti rrinfaccjat lill-intimata bl-agir taghha fuq deskritt, din ammettiet il-htija taghha u fil-fatt iffirmat il-ftehim tal-istess data markat Dok. MG2 fejn intrabtet li tirrifondi lura s-somma li kienet hadet sa mhux iktar tard mid-29 ta' Settembru 2005.

Minhabba dan l-agir illegali tal-intimata, l-esponenti riedet tkecciha mill-impjieg izda minflok, fuq talba tal-istess intimata, accettat il-proprosta li hi tirrizenja mill-impjieg kif dan jirrizulta mid-Dok. MG3.

Minkejja dan kollu u minkejja l-ittra datata 7 ta' Settembru 2005 mibghuta mill-avukat taghha Dr. José Herrera (Dok. MG4), l-intimata f'daqqa wahda biddlet l-avukat li kien qed jippatrocinjaha u bdiet tinnega li kienet hadet xi flus illegalment minghand is-socjetà rikorrenti u baqghet ma hallset xejn mill-ammont dovut.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Rat id-dokumenti hemm annessi u mmarkati bhala Dok MG1 sa Dok. MG4.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li in forza taghha gie eccepit illi:

Is-smigh ta' din il-kawza ghandu jigi sospiz pendenti l-ezitu ta' proceduri quddiem il-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Priscilla Diane Cutajar", in kwantu l-prosegwiment ta' dawn il-proceduri jista' jilledi d-drittijiet Kostituzzjonali u dawk salvagwardjati mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet fondamentali tal-Bniedem tal-konvenuta.

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-istess talbiet huma msejsa fuq premessi infondati, dikjarazzjonijiet invertieri u erronji in kwantu l-konvenuta ma

serqet l-ebda somma u lanqas ma approprijat ruhha indebitament mill-istess kif allegat mis-socjetà attrici.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjetà attrici ma sofriet l-ebda danni, kif ser jirrizulta fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, in kwantu dato ma non concesso li s-socjetà attrici sofriet xi danni, dawn id-danni mhux imputabbli lill-konvenuta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat mis-socjetà attrici huwa wiehed ingustifikat u/jew eccessiv.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-ligi.

Rat l-affidavits prodotti mir-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda viva voce u rat id-dokumenti esebiti minnhom.

Rat ir-rapport ta’ l-espert nominat mill-Qorti tal-Magistrati, Martin Bajada, esebit a fol. 70 tal-process.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Lulju, 2007, esebita a fol. 78 et seq. tal-process.

Rat l-affidavit tal-konvenuta, kif ukoll kopji tax-xhieda li nghtatat minn diversi xhieda quddiem il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, esebiti minnha.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-konvenuta u rat id-dokumenti esebiti minnhom.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi:

Permezz ta' din il-kawza s-socjetà attrici qieghda tfittex lill-konvenuta ghal approprjazzjoni indebita ta' flus fis-somma ta' Lm6034.10, illum ekwivalenti ghal €14,055.67, waqt li l-konvenuta kienet impjegata bhala *salesgirl* fi tlett hwienet mas-socjetà attrici.

L-ewwel suspetti fil-konvenuta tqanqlu meta fil-bidu ta' Settembru 2005, id-direttrici Miriam Gauci rrizultawlha diskrepanzi bejn l-istock, id-dhul u r-refunds, meta waqt ezercizzju li kien qieghed isir mill-amministrazzjoni tas-socjetà attrici, partikolarment fil-kalkolu ta' *commissions* li kienu dovuti lis-*salesgirls* kollha impjegati mal-attrici, bdew jirrizultawlha *negative values*, fis-sens li rrizulta li l-commission dovut lill-konvenuta kien wiehed fin-negattiv, dan fir-rigward ta' stock gdid li kien ghadu kemm dahal u li kien ghadu lanqas ma sar ebda bejgh tieghu! Minn verifiki li d-direttrici ghamlet ma' l-impjegat tekniku tal-kumpanija, Noel Bartoli, rrizulta li l-konvenuta kienet ghamlet numru ta' refunds, liema refunds l-konvenuta ma kienitx awtorizzata mill-istess direttrici li taghmel, ladarba ma kenux inqas minn Lm7 kif stabbilit mid-dirigenti tas-socjetà attrici. Il-konvenuta ppruvat tiggustifika li dawk kienu returns maghmula minn turisti. Inoltre' meta l-konvenuta kienet konfrontata bil-kwantitajiet ta' returns li ghamlet tul perjodu ta' seba' xhur, ghall-ewwel il-konvenuta ma qalet xejn,izda meta d-direttrici Gauci intimat li sejra ghand il-pulizija, il-konvenuta talbitha biex ma taghmilx hekk, peress li b'hekk tithammeg il-kondotta taghha u weghditha li kienet ser thallasaha fi zmien qasir.

Dan kollu huwa kkoraborat minn zewg xhieda ohra impjegati tas-socjetà attrici, senjatament Nadine Navarro, li kienet tghin fl-amministrazzjoni tal-kumpanija u li kienet hija stess li ppreparat il-ftehim li permezz tieghu l-konvenuta ntrabtet li thallas lura l-flus li nstabu nieqsa konsegwenza ta' l-imsemmija *refunds* sal-ahhar tax-xahar u li ppreparat ukoll l-ittra ta' rizenja tal-konvenuta, liema dokumenti jinsabu esebiti bhala Dok MG2 u Dok. MG3 esebiti a fol. 8 u 9 rispettivament tal-process. Kif ukoll Noel Bartoli, li jahdem fis-settur tal-IT u li kien responsabbli mill-programmar tal-kontroll fuq l-istock u

tal-cash registers tal-kumpanija attrici, jispjega li meta beda jikkontrolla l-moviment tal-merkanzija rrizultalu li kien hemm hwejjeg li kienu qeghdin jigu ritornati minghajr ma kienu biss inbieghu! Bartoli hareg ukoll ir-rapport esebit bhala Dok. MG1, u filwaqt li jispjega l-kontenut ta' dan ir-rapport, jishaq li dan ir-rapport jikkoncerna biss ir-*returns* kollha maghmula mill-konvenuta, li jingharfu peress li jirrizulta l-kodici partikolari ghaliha (peress li kull impjegat tas-socjetà attrici li kien involut fil-bejgh kien assenjat kodici partikolari u uniku ghalih). Huwa jispjega li minn dawn tnaqqsu r-*returns* li sehhew permezz ta' *credit notes*, sabiex b'hekk waslu ghall-bilanc li qieghed jintalab f'din il-kawza.

Da parti taghha l-konvenuta ssostni li meta hija kienet konfrontata b'dan kollu ma nghatat ebda spjegazzjoni u hassitha mhedda mid-direttrici Gauci. Hija tghid li minhabba l-biza' li kellha, hija qabdet u iffirmat kemm l-ittra ta' rizenja, kif ukoll il-ftehim li permezz tieghu kellu jithallas lura l-ammont mitlub fil-kawza odjerna, peress li kienet imgieghla u mhux ghaliex hadet xi haga. Meta sussegwentment marret ghand l-ewwel avukat taghha sabiex titlob parir, il-konvenuta tallega li sahansitra dan l-avukat heddida biex tasal fi ftehim mas-socjetà attrici u qabad u baghat ittra fejn talab aktar zmien sabiex hija thallas l-ammont mitlub lura, peress li qal li jekk kienet ser tghaddi kumpilazzjoni kienu ser jispiccaw iggennuha! Din il-Qorti tirritjeni li dan id-dokument gie ffirmat mill-konvenuta liberament, anke peress li mix-xhieda ta' tliet persuni differenti rrizulta li hija qalet lid-direttrici li kienet lesta thallasha kollox fi zmien ftit jiem u mhux sal-ahhar tax-xahar kif koncess lilha mid-direttrici – eghmil li ma jixhidx theddid da parti tad-direttrici kif issa tittanta tghid il-konvenuta, izda ammissjoni skjetta ta' persuna li zbaljat.

Din il-Qorti fliet ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet u ma tistax ma tinnotax in-nuqqas ta' kredibbiltà u spjegazzjonijiet inverosimili li johorgu mix-xhieda tal-konvenuta fuq diversi punti, fosthom:

- Rigward in-numru ta' PIN li bih kienu jahdmu is-*salesgirls* tas-socjetà attrici, li permezz tieghu setghu jigu identifikati l-persuni li kienu qeghdin jaghmlu l-bejgh ghal

skop ta' *commission*, kif ukoll ghar-returns tal-oggetti sabiex ikun hemm kontroll fuq l-istock li diehel u hiereg. Filwaqt li l-konvenuta xehdet quddiem il-Qorti tal-Magistrati, Gudikatura Kriminali li kulhadd kien jaf il-PIN ta' xulxin u li huma setghu jippancjaw bejgh jew return fuq il-PIN ta' xulxin, dan huwa kontradett mhux biss mix-xhieda tad-dirigenti tas-socjetà attrici, izda minn kull *salesgirl* ohra li xehdet waqt l-istess proceduri. Irrizulta li l-uniku PIN li s-*salesgirls* kellhom access ghalih, oltre' dak taghhom stess, kien dak ta' Miriam Gauci li kien jintuza fi zmien is-*sales*.

- Il-konvenuta fl-istqarrija mal-pulizija ammettiet li kienet iddahhal returns kuljum anzi erbgha kuljum, izda mitluba tispjega kif meta kien ikun hemm *salesgirls* ohra ma kienx ikun hemm dawn ir-*returns*, hija ma kenitx f'posizzjoni li tispjega dan.

- Mitluba tispjega kif kienu qeghdin jigu mmarkati r-*returns* ta' hwejjeg li lanqas biss ikunu ghadhom inbieghu, il-konvenuta tghid li dawn il-hwejjeg kienu nsterqu minn barranin u wara dawn marru ghandha sabiex jinbidlu l-hwejjeg minghajr ircevuta u hija tathom kumpens fi flus hekk kif talbuha, minghajr lanqas biss gabet awtorizizzazzjoni jew ipprovat l-ewwel tivverifika mad-direttrici in vista tac-cirkostanzi suspettuzi vantati minnha!

- Il-konvenuta tinsisti li l-procedura fil-kaz ta' klijenti li jirritornaw l-oggetti, l-ewwel jaraw jekk hux ser jibdlu l-oggett, jekk le l-ewwel joffrulhom *credit note*, u jekk dawn ma jaccettawex jinghataw il-flus lura, minghajr limitu ta' xejn u din skond l-istess procedura li hija tghid li taghtha s-sinjura Gauci. Hawnhekk ukoll din ix-xhieda hija kontradetta kemm b'dik tad-direttrici Miriam Gauci, u dik tas-*salesgirls* Diane Azzopardi u Maria Teresa Camois, li kollha sostnew li l-procedura li jinghataw flus lill-klijenti, kienet limitata ghal oggetti ta' valur minimu li zgur ma jaqbzux is-Lm7. Jekk ikun hemm talba ta' *refund* oghla, huma kienu jehtiegu l-awtorizzazzjoni ta‘ l-istess direttrici.

- Il-konvenuta wkoll tghid li gurnata qabel ma nqala' dan l-episodju, id-direttrici Miriam Gauci sabet fil-hanut madwar ghoxrin *tag* f'daqqa li kienu mqattghin minn mal-hwejjeg ta' oggetti allegatament misruqa, liema xhieda ukoll kienet kontradetta mix-xhieda tas-*salesgirls* l-ohra li filwaqt li jikkoncedu li gieli nstabu numru ta' *tags* bhal dawn, hadd minnhom ma ftakar dan l-episodju partikolari fejn instabu ghoxrin tags f'daqqa, jew l-episodju iehor fejn allegatament kienu mgharrfa b'oggetti tad-ditta misruqa li kienu qeghdin jinbieghu l-Belt!

Ghandu jinghad ukoll li hija ritenuta ferm relevanti l-prova mressqa permezz tal-espert tekniku, Martin Bajada, mahtur mill-Qorti tal-Magistrati, senjatament ir-rapport esebit bhala Dok. MB 1 a fol. 70 *et seq* tal-process, li minnu jirrizulta li fuq perjodu ta' tmien xhur, il-konvenuta kellha percentagg gholi ta' returns ta' 31% meta kkumparat ma' tliet *salesgirls* ohra li kienu jahdmu l-Belt, li kellhom percentagg li jvarja ta' 0%, 0.56% u 1.38 % rispettivament. Dawn il-percentaggi gew konstatati fuq medda ta' zmien fejn is-*salesgirls* kienu jahdmu bejn wiehed u iehor l-istess ammont ta' sighat ta' erbghin siegha fil-gimgha. Dan il-fatt wahdu jkompli jsostni t-tezi attrici li l-okkorrenza tar-returns kienet xi haga li tigri okkazjonalment u mhux bil-frekwenza li tittanta tghid il-konvenuta. Minn ezami ta' Dok. MG 1, jirrizulta li l-konvenuta sahansitra spiss kien ikollha tliet jew hames returns f'gurnata wahda!

Huwa ritenut assodat fil-gurisprudenza taghna illi "*….Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*" (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell – Sede Inferjuri tat-12 t'April, 2007, fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi)**. L-inkonsistenzi kollha rilevati qabel fix-xhieda tal-konvenuta jwasslu lil din il-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni, illi l-assjem tal-provi huwa favur it-tezi tas-socjetà attrici aktar milli dik tal-konvenuta.

Dan qieghed jinghad ukoll a bazi tal-fatt li filwaqt li fil-procedimenti kriminali kontra l-konvenuta, fejn il-prova hija tassattiva in kwantu l-Qorti trid tkun konvinta lil hinn minn kull dubju, fil-kamp civili l-grad tal-prova huwa fuq il-bilanc ta' probabiltà. Il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fis-sentenza taghha tal-5 ta' Lulju, 2007, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Priscilla Diane Cutajar**, irriteniet illi l-konvenuta, imputata f'dawk il-proceduri, kienet hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u inoltre stqarret is-segwenti:

"*Mill-provi prodotti tirrizulta li l-imputata kienet impjegata mas-socjetà KAMG Ltd bhala salesgirl. L-allegazzjoni fil-konfront taghha kienet li hi kienet qed tohrog hafna refunds lill-klijenti fittizji u zzomm il-flus hi, a detriment tal-kumpanija fejn kienet tahdem, bi qliegh qarrieqi ta' iktar minn sitt elef lira maltin (Lm6,000.00). Il-Prosekuzzjoni ressqet provi li juru li kull salesgirl setghet fil-fatt taghti refunds lill-klijenti, izda fuq medda ta' xhur ir-refunds mahruga mill-imputata kienu konsiderevoli, b'mod sproporzjonat meta mqabbla ma' ohrajn fl-istess perjodu. Dan irrizulta mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda moghtija, kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza. L-imputata baqghet tichad li qatt hadet dawk il-flus jew li qatt ghamlet hekk, izda l-provi kontra taghha kienu skjaccanti ghall-ahhar, u ma jhallu ebda dubju f'mohh din il-Qorti dwar il-htija taghha.*" (sottolinjar mizjud minn din il-Qorti) – Hekk ukoll minn ezami indipendenti mwettaq minn din il-Qorti tal-provi migjuba quddiemha, tasal biex tikkonkludi li l-provi tas-socjeta' attrici huma b'sahhithom bizzejjed li jikkonvincuha dwar dak allegat minnha fil-konfront tal-konvenuta. Din il-Qorti tinsab sodifatta li l-konvenuta kienet fil-fatt, tramite ir-*returns*, qeghda tiehu l-flus tas-socjetà attrici minghajr ma kellha ebda jedd ghalihom.

Huwa ritenut li kull impjegat ghandu jservi lill-principal tieghu bil-*bona fide* u li jkun leali fil-qadi ta' dmirijietu u dana peress li apparti d-dmirijiet kuntrattwali, impjegat huwa wkoll meqjus bhala fiducjarju meta jkun fdat bir-responsabblita' tad-dhul li jkun qieghed jaghmel dak in-negozju (Artikolu 1124 A tal-

Kodici Civili). Meta l-impjegati jkollhom kontroll fuq il-qliegh li jkun qieghed jaghmel negozju, certament l-istess impjegati jkollhom dmir li jharsu l-interessi ta' l-istess negozju li jkun qieghed jipprovdilhom l-impieg. (Ara f'dan il-kuntest is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, tas-16 ta' Jannar, 2015, fl-ismijiet **Marthese Abela et v. Nicola Winter**).

Il-konvenuta ssostni wkoll li l-ammonti mitluba mis-socjetà attrici fil-konfront taghha huma esagerati u afflitti bi zballji u dan partikolarment ghaz-zmien meta l-prodotti kienu jkunu skontati b'percentwali li jvarjaw. Hija tghid li dan l-iskont flok ma tnaqqas minn fuq il-prezz tal-prodott, gie mizjud mieghu sabiex iwassal ghal dak li hija ssejjahlu bhala *balance of mistakes*. Hija tipproduci dokument immarkat bhala Dok. PC 6 esebit a fol. 145 *et seq* tal-process in sostenn tad-difiza taghha li allegatament juri dan il-*balance of mistakes*.

Madanakollu ghandu jinghad li din il-Qorti ma tinsabx konvinta b'dak kontenut f'dan id-dokument ghal diversi ragunijiet fosthom:

- Il-konvenuta qatt ma affrontat lid-direttrici bil-fatt li kien hemm xi nuqqas ta' qbil dwar il-komputazzjoni mahruga skond id-dokument MG1. Hija harget b'din l-allegazzjoni ferm wara li nbeda l-kaz kontra taghha, waqt il-proceduri kriminali fil-konfront taghha.

- Hija tghid li l-investigatur tal-*computer* kellu jsib dawn iz-zidiet li ma kenux gustifikati, izda meta jixhed l-istess espert, jirreferi ghad-*data* mahruga mit-tekniku tal-kumpanija attrici li kienet integra, peress li l-*extraction* tad-*data* saret minn Bartoli quddiemu stess mis-*server* li kellha l-attrici f'Bahar ic-Caghaq. Anzi l-istess espert esebixxa x-xhieda li nghatat quddiem il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn huwa rinfaccjat b'talba mid-difiza sabiex jaghmel studju aktar akkurat dwar il-korrettezza tieghu jghid:

  "Xhud: …*Jiena wara li hadt konjizzjoni ta' din l-estensjoni, nixtieq nghid li dak li qieghed jitlob id-difiza mhux*

*diskutat, ma nistax nohrog figura differenti. L-ammont tar-refund li sar dahal fil-compjuter u kif dahal qieghed tajjeb, jigifieri kull figura taqbel ghat-transazzjoni li hemm. Jekk kien hemm xi haga dubjuza hija l-procedura kif saret din ir-refund, li ma tirriflettix ruhha fil-kompjuter. Qorti: Fi kliem iehor inti meta ezaminajt id-dokumenti u rajt il-programm fuq il-computer u kollox l-entries huma korretti.*

*Xhud: ehe, transazzjoni wahda hija korretta, it-transazzjonijiet l-ohra ser isegwu l-istess pattern. … Issa ghalfejn saret dik ir-refund wiehed li ghandu jindirizza, mhux it-transazzjoni li dahlet fil-computer. Ma hemmx dubju li dik it-transazzjoni hix safe, ghax it-transazzjoni qeghda zzid jew tnaqqas, jigifieri taghmel addition jew subtraction, jekk huwa in ha zzidu, jew stock out ha tnaqqsu. … Jiena wara li hadt konjizzjoni tal-estensjoni, ma hassejtx li jiena ghandi mmur naghmel ezami tal-affarijiet….inti ghandek zewg elementi- l-element tal-bniedem u l-element tal-process li bih hadem il-computer. Il-process li hadem il-computer jiena digà hrigt ir-rizultat tieghu… jiena ghalija qed nara l-computer u qed nara transazzjoni tajba"* Kif ukoll fis-seduta segwenti l-istess espert isostni: *"…il-problema li rriskontrajt jien kienet wahda li dak li hemm fil-computer, tajjeb jew hazin huwa tajjeb, ghax one plus one, two ser jaghmel, qatt ma tista' tbiddlu fi three, issa kif gie il-one u il-one ghall-argument, jiena ma nistax nistabbilixxieh illum meta dan sar numru ta' snin ilu, jigifieri jien essagg rajt is-sistema, u s-sistema qed tghid illi saru tant refunds u daqshekk, biex nivverifika il-validità ta' dawk ir-refunds nahseb illi wiehed kellu jaghmlu zmien ilu u mhux issa, dik hija d-differenza."*

- Il-konvenuta tipprova tixhet dubji dwar il-komputazzjonijiet mahduma mis-socjetà attrici, izda x-xhieda fost ohrajn ta' Miriam Gauci u ta' Noel Bartoli taht l-iskrutinju tal-kontro-ezami hija konsistenti u ma twasslax lil din il-Qorti ghall-konvinciment mehtieg, li ghandha tiddubita minn dak li nghad mir-rapprezentanti

tas-socjetà attrici jew tal-impjegati taghha, mentri zgur ma jistax jinghad l-istess fir-rigward tal-konvenuta.

- Illi meta wiehed jikkumpara r-rizultat ta' l-ezercizzju mwettaq mis-socjetà attrici dwar *refunds* maghmula mill-konvenuta (esebit bhala Dok. MG1 a fol. 7 tal-process) li jwassal ghall-valur ta' *refunds* fl-ammont ta' Lm 6859.90, u wiehed jikkunsidra t-tnaqqis li sar mill-attrici fl-ammont ta' Lm 825.80 rapprezentanti l-*Credit Notes* mahruga mill-konvenuta, sabiex iwassal ghall-bilanc mitlub mis-socjetà attrici fil-kawza odjerna ghall-ammont ta' Lm6034.10, ma' l-ezercizzju mwettaq mill-espert tal-Qorti tal-Magistrati, ta' Gudikatura Kriminali li wasal ghal refunds maghmula mill-konvenuta fit-total ta' Lm6,279 (hekk kif jirrizulta minn Dok. MB1 a fol. 73 tal-process), ghalkemm hemm diskrepanza zghira, jirrizulta li s-socjetà attrici qeghda titlob l-inqas ammont, u zgur li ma tirrizultax il-*balance of mistakes*, kif allegat mill-konvenuta.

Billi l-oneru tal-prova mressaq mis-socjetà attrici fil-kaz in ezami, huwa bizzejjed biex teghleb l-oneru tal-prova mitfugh fuqha ghall-ghanijiet tar-rimedju civili, il-qorti tghid li hija l-konvenuta li ghandha twiegeb ghat-talbiet attrici ghas-somma shiha mitluba minnha. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqies li gie sodisfacentement ippruvat mis-socjetà attrici li l-konvenuta qarrqet bihom u li mmizapproprjat l-flus li ma kenux jappartjenu lilha, fl-ammont mitlub mill-istess socjetà attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa' it-talba tas-socjetà attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' erbatax-il elf u hamsa u hamsin Euro u sebgha u sittin centezmu (€14,055.67), flimkien ma' l-imghax dekorribbli mill-15 ta' Dicembru, 2006, u l-ispejjez kif mitluba mis-socjetà rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG